***Kunsill Lokali Marsaskala***
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 15**

**It-Tnejn10 ta' Awwissu 2020.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online u anke mill-Kunsill (live streamed) minħabba it-tixird tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar - Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Ryan Portelli- Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

15.1 ***Qari t'aploġija:***

Ma kienx hemm ittri t'apoloġija

15.2 ***Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 14 li saret nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020:***

15.2.1 Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri staqsa fuq paġna 4 sabiex kull fejn hemm Sur Mizzi tiġi Sinjura Mizzi. Il-paragrafi li ġew mibdula huma r-raba, s-sebgħa, d-disgħa, t-tnax u l- ħmistax il-paragrafu

15.2.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li paragrafu 14.5.2 jrid jiżdied hekk kif ġej:

*Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Bord ta' Evalwazzjoni qed jirrakkomanda li dan il-kuntrattur jingħażel mil-Kunsill.*

*Il-Kunsill qabel unanimament illi din l-offerta tingħata lill-Ivan Borg Excavation Works.*

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati bħala dokument korrett u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra u 0 astenzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala document korrett.**

15.2.3 **Matters arising:**

15.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 paragrafu 14.3.4 rigward il-klejm tal-karozza fi Triq id-Daħla ta' San Tumas, jekk kelniex risposta mingħand il-Perit.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-Perit ikkonfermat illi l-ħajt kien ilhu li sar minn Jannar u li l-bankina ma kienetx il-kaġun illi l-ħajt tal-għalqa ċeda u waqa. Huwa kompla jgħid lil infurmajna lil persuna li iklemjat b'dan il-fatt.

15.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 paragrafu 14.3.3 rigward il-proposta tat-*traffic flow* fl-area ta' San Tumas jekk kellniex suġġerimenti min-naħa tar-residenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien hemm ħafna suġġerimenti u anke bgħatna imejl lil Kunslliera sabiex jiffisaw data ħalli isir rendikont ta' dawn is-suġġeriment flimkien mas-Sindku.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-laqgħa issir nhar il-Ġimgħa 14 ta' Awwissu fit-8.00am

15.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 paragrafu 14.3.5 fuq il-kuntrattur li kien qed jaħdem fi Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Is-Sindku rrisponda fejn qal li issa tqabbad sub contractor fuq diversi xogħol li kien qed jagħmel il-kuntrattur Rock cut peress li ma onorax il-ftehim tiegħu skond tenders mal-Gvern.

Huwa spjega wkoll li dan sar anke fi Triq iż-Żonqor u fil-fatt ix-xogħol issa mixi ħmielu kif jistgħu jikkonfermaw il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar u l-Kunsillier Dr. Patrick Camilleri. Huwa kompla jgħid illi rigward Triq il-Qlaiet huwa nfurmat illi għad hemm xi testijiet fuq id-drenaġġ u qed jipprivaw jevitaw li jerġgħu jħaffru qabel tingħata l-aħħar kisja tarmak.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal illi ix-xogħol fi Triq iż-Żonqor issa wasal minn ħdejn La Spigola 'l fuq u ir-residenti ħatru kumitat bejnithom u anke bgħatu ittra lil Prim Ministru sabiex it-trinka ma ssirx taħt il-bankina għaliex inkella r-residenti ma jkunux jistgħu joħorġu l-vettura mill-garaxx iżda issir fin-nofs tat-triq. Huwa kompla jgħid illi s-suġġeriment tar-residenti ġie milqugħ u infatti it-trinka ser issir f'nofs ta triq.

Il-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li l-problema li ser tinħoloq hija għaliex ir-residenti irċevew ittra ħalli joħorġu l-karozzi mil-garaxxijiet.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud kif ukoll il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qalu li dan mhux xogħol li jsir fis-sajf.

Is-Sindku qal li mhux ser inwaqfu x-xogħol. Huwa qal li nistgħu nistaqsu sabiex jaghtuna ż-żmien kemm qed jaħsbu li ser jdum ix-xogħol.

15.2.6 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 paragrafu 14.6.2 fejn staqsa jekk kelniex risposta fuq il-katakombi.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hija kienet kelmet lis-Supretendent tal-Heritage s-Sur Magro Conti u anke l-Kunsillier Dr. Errol Cutajar qal li kellmu u ser jgħamel mezz biex jerġa jkelmu halli forsi issir xi haga.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fejn jistgħa hu jixtieq jgħati l-għajuna ukoll fuq il-katakombi.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir laqgħa mas-Supretendent is-Sur Magro Conti.

15.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 paragrafu 14.7.2 jekk kelniex risposta mingħand il-Perit tal-Kunsill rigward iz-zona in kwistjoni fi Ġnien Charles Clews.

Is-Segrtearju Eżekuttiv wieġeb illi il-Perit tal-Kunsill ikkonfermat illi l-art in kwistjoni mhux progettata ghall-izvilupp u l-Kunsill bagħat ittra lil Ministru responsabbli mil-kunsilli lokali u kelna rispsota illi il-Ministru se jappoggja l-proposta tagħna biex issir spropjazzjoni tal-art u ntalbet sabiex jibdew il-proċeduri għal esporprazzjoni tal-art.

15.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 paragrafu 14.7.3 rigward il-*cameras* fi Triq Sant'Antnin.

Is-Sindku wieġbu illi tkellem mas-Sur Claudio Tonna tal-Lesa u kellhom jibgħatulna kwotazzjoni ta' kemm ser tiswa mill-kuntrattur li jaħdmu bih il-Lesa.

15.3 ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

15.3.1 **<u>Marsaskala Landscaping Proposal (35/2712/20/I):</u>**

Is-Sindku qal illi flimkien mal-Kunsillier is-Sur Charlot Mfisud u l-*Contracts Manager* is-Sur Silvio Farrugia iltaqu mar-rappreżentat tal-Gardania s-Sur Eman Agius fejn qal illi din il-kumpanija tixtieq li tapplika għal-fondi tal-Eu li jammontaw għal madwar €80,000 sabiex jaghmlu embellishment ta' soft areas f' Marsaskala fi tlett daħliet tal-lokal u anke issir embellishment tal-art li hemm fi Triq iż-Żonqor faċċata tal-kappella sabiex jinżergħu f'xi pots. Huwa kompla jgħid illi tlabna permess lil Kappillan jekk jistax jitpoġġew xi pots fil-biċċa art ta' faċċata tal-Kappella.

Is-Sindku kompla jispjega illi bhal kumpanija il-Gardania ser jgħamlu ix-xogħol kollox huma anke bħala applikazzjoni u talbu biss biex il-Kunsill jieħu ħsieb anke bħala pagament il-permessi neċċessarji mil-PA.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li tħossa frustrata illi hija ma kienetx mistiedna għal din il-laqgħa meta l-*Green Infrastructre* jaqa taħt id-dekasteru tagħha. Hija kompliet tgħid li hija uriet ix-xewqa li tkun mistiedna għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal illi peress li s-soft area huwa responsabilta` tal-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud allura ghalhekk hu ma kienx stedina għal laqgħa

Il-Viċi Sindku qalet illi hija għanda tkun infurmata għal laqgħat tal-Ambjent għaliex hi u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qed jaħdmu flimkien.

Is-Sindku qal illi huwa lest li jirtira mid-diskusjonijiet mal-Gardenia u tipresjedi għal laqgħat il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon. Huwa qal ukoll li anke għal *embellishment* ta' Ġnien Sant'Anna tiġi nvoluta ukoll il-Viċi Sindku u saħaq li din saret bl-ebda ntenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkun involuta fid-diskussjonijiet ma tal-Gardania u għanda nibgħatu *reminder* lil Kappillan jekk jgħatinex approvazzjoni li npoġġu pots fil-blat faċċata tal-Kappella fi Triq iż-Żonqor.

15.3.2 **<u>Direct Order Request Purchase of Council Van:</u>**

Is-Segretarju Eżkeuttiv informa il-Kunsilliera illi l-van tal-Kunsill it-Toyota Dyna wasal li jinbidel u ser jgħamel talb lid-Dipartiment sabiex minflokk il-Kunsill joħroġ tender jingħata konċessjoni li l-ammont tad-direct payment jkun ta' €10,000. Huwa qal sabiex nipruvaw ma jinqabieżx l-€10,000 ġabu stimi ta vannijiet 2 seater minflokk 4 seater.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose mifsud qalet li l-van għandu jkun Euro 5 jew aħjar.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi biex ikun Euro 5 jew aħjar ser jiswa iktar minn €10,000 u ser jkollna noħorġu tender.

Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud qalet li jekk minħabba il-prezz ser jkun tas-sena 2006/2007 il-van ser jkun antik.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fuq van tgħamel differenza li jkollu ċertu żmien għax iffisser li jkun għabba ħafna xogħol fuqu.

Il-Kunsill qabel unanimament li nġibu stima tal-van minn 2012 il-quddiem.

15.3.3 **<u>Bdil fil-metodu tal-ġbir tal-ħġieġ bieb bieb Malta u Għawdex (35/2625/20/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Wasteserv minn Settembru ser jbidlu s-sistema tal-ġbir tal-ħġieġ, fejn qalu illi r-residenti jridu jpoġġu l-ħġieġ fil-konteniturі tal-plastik li ġew provduti minnhom.

Is-Sindku qal kien hemm ħafna ilmenti min-naħa tar-residenti u qal li fl-opinjoni tiegħu din is-sistema mhux ħa taħdem. Huwa qal li tal-opinjoni illi peress li l-*cameras* għad ma għamilhomx għanda nitolbu lil Green MT biex issir ġabra extra tat-tbattil tal-iskip tal-ħġieġ tal-*bring in sites*. Huwa tal-opinjoni li jsiru kull nhar ta' Tnejn u l-Ġimgħa.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-*cameras* huwa fl-obligu li jgħamilhom għaliex hu hekk kien niżżel fl-offerta tiegħu u din kienet waħda mill-kriterja għaliex intgħażel Green Mt u mhux Green Pack. Hija qalet illi jekk il-caermas ser jibqa ma jgħamilhomx għandha immorru nitterminaw il-kuntratt minn miegħu u imorru għal Green Pack.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li bħal issa ż-żewġ kumpaniji qed jkollom ħafna nuqqasijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lil Green Mt jgħamel ġabra extra.

15.3.4 **<u>Triq tal-Buttar (35/2605/20/I):</u>**

Is-Sindku qal illi din il-proposta hija sabiex Triq tal-Buttar tiġi *one way* iġifieri id-dħul jsir min-naħa ta' Triq Sant'Antnin. Huwa kompla jgħid illi iż-żewġ toroq ta' fuqhu huma diġa *one way* allura mhux ser tkun problema. Huwa qal ukoll biex Triq Lorry Sant fejn hemm is-*substation* it-traffiku jdur *circular movement*.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lil TMalta biex Triq tal-Buttar issir *one way.*

15.5 ***<u>Rapporti:</u>***

Ma kienx hemm rapporti.

13.6 ***<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>***

Ma kienx hemm items oħra.

15.7 ***<u>Korrispondenza:</u>***

15.7.1 **<u>Request from Marsaskala resdients to LC on a number of important issues(35/2346/20/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill kien sostna d-deċiżjoni li kien ħa fuq il-Jerma u anke d-deċiżjoni fuq il-pixxina l-ġdida fi Triq is-Salini l-Kunsill kien diġa ddeċieda fuq din il-materija qabel ma kien hemm il-laqgħa tal-bord il-*Planning Authority*.

Is-Sindku qal illi l-laqgħa tal-bord tal-Planning Authority fuq il-pixxina damet 4 siegħat. Huwa qal li issuġġerrixxa l-minflokk ir-riċiklaġġ jsir *multi story parking*.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi huwa kien ukoll preżenti għal laqgħa u r-residenti inaqgħdu bejnithom sabiex jgħaddu s-suġġerimenti tagħhom kif isir fl-lokalitajiet oħra.

15.7.2 **<u>Last Renewal (35/2392/20/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-propjetarju tal-post fejn għandha l-uffiċċini tal-Kunsill bgħatilna l-estenzjoni tal-kiri sa l-aħħar ta' Settembru 2021.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi irridu niffukjaw fuq il-bini u l-*finishings* għax iż-żmien għaddej ġmielu.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi l-propretarju tal-Klabb tal-Boċċi qed jkollu ħafna inkonvenjet bil-bini u anke qed jkun hemm ħafna ġrieden.

Is-Sindku qal li ħafna mill-inkonvenjent bħal qtugħ ta' ħaxix u l-problema tal-ilma qiegħed li kien hemm, pero` bil-problema tal-ġrieden ma kienx jaf bijha.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nitolbu lil tas-sanita` jitfgħu valenu tal-ġrieden.

15.7.3 **<u>Proposal Vegetated Buffer Strip Magħluq (35/2541/20/I):</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li il-Kunsill ma kienx sab l-ebda oġġezzjoni li japplikaw għal fondi ta' 20% mill-fond tal-UIF, iżda l-ispejjeż tal-Perit ma jikkaverjawx għalijom. Huwa kompla jispjega li teknikament ma nistgħux nilqgħu it-talba tas-Sur Gabaretta li nħalsu l-ispejjeż tal-Perit aħna.

Is-Sindku qal li huwa jaħseb ukoll li mhux suppost ħalsi l-ispejjeż tal-Perit imma filkas niċċekjaw sew.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li hija ma tistax tifhem għaliex għanda d-dekasteru tal-Magħluq meta il-Magħluq ma jaqax taħt ir-responsabilita tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-ilmenti u s-suġġermient xorta inwasluhom kif ilhu jgħamel il-Kunsill dawn l-aħħar għoxrin sena.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li l-istudju fuq il-Magħluq huwa ikkumplikat

Il-Kunsill qabel li ma noffrux is-servizz tal-Perit tal-Kunsill.

- Is-Sindku qal li ifforma Sotto Kumitat tal-Infrastruttura kompost mis-Sur Joe Farrell, is-Sur Eric Abela, is-Sur Ray Abela, is-Sinjorina Agele Abela fejn qed jgħinu ħafna mal-komunikazzjonijiet ma Infrastructure Malta, T Malta u WSC.

Is-Sindku qal li Triq il-Qaliet probabli li hemm biċċa ħdejn il-Karrettun trid tinqala għax hemm xi sadd fil-drenaġġ b'xi ġebel.

Il-Kunsill qabel bil-formazzjoni ta' dan is-sottokumitat.

- Is-Sindku qal li iltaqa ma grupp ta' għaxar taljan li jilgħabu l-basketball u ser jikru il-*pitch* ta' ħdejn il-Knisja. Huwa kompla jgħid li l-Viċi Sindku is-Sinjorina Janice Falzon iltaqgħat magħhom imma għadhom ma tawniex *feedback.*

- Is-Sindku qal illi ser jsiru żewġ progetti tad-*Douzelage* fl-Ungarija u l-Polonja. Huwa kompla jgħid illi l-proġett tal-Polonja jismu *Towards Zero Waste* u ser jieħdu sehem fih sitt pajjiżi nkluż aħna. Huwa kompla jgħid illi l-proġett tal-Ungerija l-proġett jishmu *Isolation* u ser jieħdu sehem ukoll sitt pajjiżi iżda din id-darba sezzjoni minnhom trid tiġi organizzata f'Marsaskala. Huwa kompla jgħid li dawn il-proġetti għadnu jsiru bejn Ottubru u Novembru.

  Is-Sindku qal ukoll illi ġejjin xi studenti Pollakki għal job experience, fejn dawn ser jaħdmu Sensi Hotel, Uncle Matt's Kitchen bħala catering, Bilom Group bħala kostruzzjoni u 4 edukaturi ġejjien jieħdu esperjenza ċ-Cerviola Hotel. Huwa kompla jispjega illi dawn il-proġetti mhux ser jiswew enda spejjeż għall-Kunsill.

- Is-Sindku qal li Jum Marsaskala ser issir 6 ta' Settembru u irridu nġibu Ġieħ Marsaskala mingħand is-Sur Cory Greenland. Huwa qal li jipproponi li jingħataw rikonnoxximenti lil 3 persuni tal-*heavyweight lifting,*persuna fil-kummissjoni djakonija, persuna mill-inwadar, persuna tal-istandard tal-Knisja, persuna tal-manutenzjoni u tindif u persuna tal-fratellanza.

  Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud staqsiet jekk lil fotografu s-Sur Joe Magri ġiliex tajniex rikonoxximent.

  Is-Sindku qal li għandu rispett kbir lejn is-Sur Magri iżda kull meta għamel biċċa xogħol il-Kunsill dejjem tħallas għas-servizz u għaldaqstant ma jistgħax jingħata rikonoxximent dement li ma kienx hemm xogħol volontarju.

  Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li fl-opinjoni tiegħu ma għandiex għalfejn ngħatu ħafna rikonoxximenti.

  Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma għandiex ghalfejn ngħatu iktar minn 5 rikonoxximenti fis-sena.

  Il-Viċi Sindku Janice Falzon qalet li hemm żewġ persuni tal-kickboxing li hi taqbel li ngħatuhom ukoll.

  Kien hemm diskusjoni bejn il-Kunsilliera fuq lil minn għandu jingħata rikonoxxiemnt din is-sena u għaldaqstant il-Kunsilliera qablu li jingħatu rikonoxximenti hekk kif ġej.

  Lis-Sur Raymond Deguara tad-diviżjoni għat-tindif u manutenzjoni fi ħdan is-Segretarjat ta' manutenzjoni u tindif, lis-Sur Jesmond Caruana tal-Malta weight lifting Association, lis-Sinjorina Teniscia Thorton tal-weight ligting, iż-żgħażugħ is-Sinjura Rylee Borg tal-weight lifting, lis-Sur Mario Mifsud tas-Soċjeta Mużikali Sant'Anna, lis-Sur Noel Farrugia tal-Fratellanza Parroċċa Sant'Anna. Filwaqt is-Sinjura Miriam Grech tingħata Ġieħ Marsaskala.

15.8 ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta'pagamenti:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Petty Cash tax-xahar ta' Lulju 2020 ul-pagamenti li daħlu tard sabiex jitħalsu:

| Kreditur | Deskrizzjoni | Nru tal-Invoice | Ammont € |
|---|---|---|---|
| Doreen Mintoff | Accounting Service July 2020 | 20-030 | 759.92 |

15.8.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagamenti 1489, 1490, 1491 ta' Giovanni Camilleri jekk humiex ta xahar.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li huma ta' xahar.

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-awtorizazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 9 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

15.9 ***Mozzjonijiet:***

15.9.1 **Mozzjonimressqamill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ((#045 – 7/8/20):**

*"Jipproponili l-bus stop ta' Triqil-Qaliet ħdejn Vivienne jitlaftitmetri l-fuqqabelTriqil-Vajrita."*

Il-Kunsill qabel illi l-bus stop titressaq ftit il-fuq quddiem il-garraxxijiet.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lid-Direttorat tal-Public Transport u ntuh in-numru tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ħalli jimmuntatjaw miegħu jekk ikun hemm bżonn.

15.9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier – is-Sur John B Camilleri issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ((#046 – 7/8/20):**

*"Jipproponi l-Kunsill jiddiskuti u jieħu pozizzjoni dwar il-hawkers li qedifaqsuġewwalokaltagħna."*

Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri qal illi hemm bżonn illi jkun hemm regolarizzazjoni tal-hawkers u jekk ikun hemm bżonn anke tinħareġ by law kif sar tal-caravans.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm il-liġi tal-hawkers li jridu jkun 50 mteru il-bogħod minn negozju li jkun qed jbigħu l-istess affariajiet u la hemm il-liġi ma tistax toħroġ by law.

Il-Viċi Sindku Janice Falzon qalet li hemm hawker ieħor fil-Bajja ta' San Tumas.

Il-Kunsill qabel unanaiment illi naraw il-liġi tal-hawkers u naraw li mhuxqed tinkiser il-liġi.

- *Il-Kunsillier is-Sur john B. Camilleri qal li Triq il-Bur kantuniera ma Triq San Gwakkin hemm planka qeda il-fuq mill-livell tat-triq u qedgha periskoluża.*

*Il-Kunsill qabel unanimamaent li ngħamlu il-bollards.*

15.10 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss:**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fis-9.00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar l-Erbgħa 9 ta' Settembru 2020 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 10 ta' Awwissu 2020.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| SegretarjuEzekuttiv | Sindku |